# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru. 3636/ET

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Stephen Caruana (ID : 567185(M))

u

Casino Malta Limited (C 68333)

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman - Is-Sur Edmund Tabone MA BA (Hons) Dip Mgmt**

# DIGRIET

Fir-raba' seduta, l-Avv. Ryan C. Pace ghas-Socjeta' ntimata, eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal u dan peress illi dan il-każ jikkonċerna allegat tkeċċija ta' impjegat b'kuntratt ta' impjieg għal żmien fiss u li t-Tribunal m'għandux kompetenza biex jikkunsidra u jiddeċiedi każijiet u/jew ilmenti bħal dan, li ma humiex wieħed minn dawk li jissemmew fl-artikolu 75(1)(a) u (b) tal-Kap 452.

It-Tribunal wara li sema' l-partijiet u kkunsidra dak li kellhom xi jgħidu;

Ra l-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 75(1) tal-Kap 452 fejn fid-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta jissemma biss kuntratt għal żmien indefinit,
Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sedenti l-Imħallef Anthony Ellul tal-25 ta' Jannar 2019 (Appell Numru: 35/2018) Waldemar David Galea vs l-Università ta' Malta.

Jiddeċidi li t-Tribunal Industrijali m'għandux il-kompetenza li jisma' u jiddeċidi dan il-każ li huwa dwar tkeċċija allegatament inġusta.
A tenur ta' l-Artikolu 741 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili t-Tribunal Industrijali jordna li l-atti tal-proċeduri ta' dan il-każ jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tieħu konjizzjoni tiegħu.

Illum : 27 ta' Gunju, 2019

**Edmund Tabone**
**Chairman**